## QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-20 ta Frar 2001**

**Citazzjoni numru 2725/97 GC**

**Mid-Med Bank u b'nota tat-13 ta' Jannar 1998 l-isem tal-Bank attur issa huwa Mid-Med Bank plc u b'nota ta' l-24 ta' Novembru 1999 isem il-bank attur sar HSBC Bank Malta plc**

**-vs-**

**Joecar Limited bhala debitrici principali flimkien ma' Joseph Pace u martu Carmen Pace, Brittannia Catering Co. Limited, STG Limited, Vivienne Limited, Josette Limited, Louis Scicluna u Vivienne Scicluna, u Anton Spiteri u Josette Spiteri ilkoll bhala garanti solidali**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn il-bank attur ippremetta :-

Illi s-socjeta' konvenuta Joecar Limited hija debitrici tas-socjeta' attrici Mid-Med Bank Limited fis-somma ta' sitt mija hamsa u ghoxrin elf mija u wiehed u tmenin lira u sitta u disghin centezmu (Lm625,181.96) liema somma hija dovuta lill-istess bank in konnnessjoni ma' flus mislufa mill-bank u dana oltre l-imghaxijiet ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'effett mit-22 ta' Settembru 1997 kif jidher mill-istatements kopji ezebiti bhal Dok A  u Dok B;

Illi l-konvenuti l-ohra kollha ikkostitwew ruhhom bhala garanti solidali mal-konvenuta Joecar Limited ghall-hlas tad-debitu taghha lejn is-socjeta' attrici kif jidher mill-kopji tal-garanziji Dok D sa Dok J sas-somma ta' seba' mija u tletin elf lira (Lm730,000) oltre l-imghaxijiet;

Illi s-socjeta' attrici zammet id-dritt li titlob il-pagament tal-ammont kollu dovut jew ta' parti minnu 'on demand';

Illi l-konvenuti ghalkemm interpellati jhallsu l-kapital u l-imghaxijiet minnhom dovuti baqghu inadempjenti;

Illi jikkonkorru l-elementi kollha mehtiega biex jigi dispensat is-smigh a tenur ta' l-Artiklu 167 et seq tal-Kap 12 u dana in vista ta' l-affidavit Dok X;

Ghalhekk il-bank attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti:

1. tordna li l-kawza ghandha ssir bid-dispensa tas-smigh;

2. tikkundanna is-socjeta' konvenuta Joecar Limited bahal debitrici principali thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mitt elf lira (Lm400,000) bhala parti minn ammont akbar dovut fuq self lilha moghti u dana oltre l-imghaxijiet annwi bit-tmienja fil-mija (8%) fuq dan l-ammont b'effett mit-22 ta' Settembru 1997 sad-data tal-pagament effettiv; u

3. tikkundanna l-konvenuti l-ohra kollha solidalment mal-konvenuta Joecar Limited ihallsu s-somma ta' erba' mitt elf lira (Lm400,000) oltre l-imghaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq dan l-ammont b'effetti mit-22 ta' Settembru 1997 sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni u minghajr pregudizzju ghad-dritt tas-socjeta' attrici li tipprocedi fuq ir-rimanenti bilanc dovut mill-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni tal-bank attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit :-

1) Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li s-somma mitluba mhux korretta kif jigi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

2) Illi subordinatament il-garanti solidali ghandhom jigu mehlusa mill-obbligi taghhom stante li huma ggarantew id-debitu ta' Joecar Limited permezz ta' kuntratt atti Joseph Vassallo Agius tat-30 ta' Awissu 1995 (dok.A) u that il-kundizzjonijiet li ma gewx rispettati mill-istess bank;

3) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit il-garanti ghandhom jigu mehlusa mill-obbligi taghhom u liberati mill-osservanza tal-gudizzju ai termini tal-artikolu 1959 tal-Kap.16 stante li minhabba l-agir tal-bank mhux possibli li ssir is-surroga favurihom f'kaz ta' pagament;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' April 1999 minn fejn jirrizulta li qabel ma beda l-kontro-ezami tax-xhud Francis Gouder, manager ta fergha tal-bank attur u prodott mill-istess bank attur, il-konvenuti, wara li esentaw lill-istess xhud mis-sigriet professjonali, rrilevaw li tali deposizzjoni hi irregolari stante li kellha tinghata bil-mghaluq u irriservaw li jindikaw permezz ta' nota l-att u l-artikolu li jikkoncernaw dan il-punt;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-bank attur dwar l-imsemmija kwestjoni sollevata mill-konvenuti fil-kors tas-seduta tad-9 ta' April 1999;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri tal-bank attur;

Rat ir-rikors tal-konvenuti presentat fis-7 ta' Settembru 1999 (fol.267 sa 272);

Rat ir-risposta tal-bank attur ghall-imsemmi rikors tal-konvenuti tas-7 ta' Settembru 1999;

Rat l-atti l-ohra kollha rilevanti u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Novembru 1999;

Rat in-nota tal-bank attur tal-15 ta' Settembru 2000 u d-dokument anness mal-istess nota;

Ikkonsidrat:

Bil-presenti qed tigi deciza s-sottomissjoni tal-konvenuti kif verbalizzata fil-kors tas-seduta tad-9 ta' April 1999 fis-sens li d-deposizzjoni tax-xhud Francis Gouder, manager ta fergha tal-bank attur u prodott mill-istess bank attur, hi irregolari stante li kellha tinghata bil-mghaluq. Din is-sottomissjoni giet kjarifikata u ampjanta peremezz tar-rikors tal-konvenuti tas-7 ta' Settembru 1999 (fol.267 sa 272). Ghlahekk meta jigi deciz l-imsemmi rikors tas-7 ta' Settembru 1999, tkun qed tigi deciza ukoll l-imsemmija sottomissjoni verbalizzata fid-9 ta' April 1999;

Fl-imsemmi rikors tas-7 ta' Settembru 1999 il-konvenuti talbu li jigi ordnat li l-provi prodotti sa issa mill-bank attur jitnehhew jew jigu sfilzati mill-atti tal-kawza stante li, skond il-konvenuti dawn huma irregolari minhabba li gew prodotti minghajr il-permezz tal-Qorti u minhabba li f'dan ir-rigward ma gietx segwita l-procedura kif ikkontemplata fl-artikolu 9 tal-Kap 377 tal-Ligijiet ta' Malta. Dejjem fl-istess rikors il-konvenuti talbu li l-atti ta' din il-kawza jigu riferiti lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jigi stabbilit jekk kienx hemm ksur ta' l-artikolu 257 tal-Kodici Kriminali;

F'dan ir-rikors il-konvenuti ghamlu diversi sottomissjonijiet fosthom :-

(1) Illi fil-kors tal-gbir tal-provi l-bank attur ma tax kaz id-dmir tieghu tas-sigriet professjonali;
(2) Illi l-bank attur hu fid-dmir li ma jikxef ebda informazzjoni dwar il-klijent tieghu;
(3) Illi l-bank attur, qabel ma beda jipproduci ufficjali u impjegati tieghu sabiex jixhdu dwar il-kontijiet u negozji bankarji ohra tal-konvenuti, kellu jitlob lill-qorti sabiex l-imsemmija xhieda jigu esentati mill-obbligu tas-sigriet professjonali;
(4) Illi tali esenzjoni kellha tintalab fi kwalunkwe kaz skond il-provedimenti tal-artikolu 9 tal-Att dwar is-Segretezza Professjonali (Kap377) u dana nonostante l-provedimenti tal-artikolu 34 ta' l-Att tal-Kummerc Bankarju minn fejn jirrizulta li hemm xi eccezzjonijiet ghall-obbligu tal-bank attur ghas-sigriet bankarju;
(5) Illi fi kwalunkwe kaz id-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti mill-bank attur iridu jkunu dejjem limitati ghal dak li hu relevanti ghall-kaz u ghalhekk kull informazzjoni li tmur oltre dak mehtieg tikkwalifika bhala ksur tad-dmir tas-sigriet professjonali kif issanzjonat f'Artiklu 257 tal-Kodici Kriminali;
(6) Illi x-xhieda kolha prodotti sa issa mill-bank attur taw informazzjoni li tmur oltre l-premessi tac-citazzjoni u ghalhekk li tmur oltre dak li hu pemissibli skond il-ligi u ghalhekk hemm ksur tad-dmir tas-sigriet professjonali;
(7) Illi dawn ix-xhieda kollha ma gewx debitament awtorizzati u esentati mis-sigriet professjonali;
(8) Illi fil-kazijiet fejn il-Qorti tawtorizza li funzjonarji jew ufficjali tal-bank jizvelaw u jikxfu informazzjoni kunfidenzjali, tali informazzjoni ghandha, fi kwalunkwe kaz, tibqa sigrieta tant li tali xhieda ghandha tinghata 'in camera' u tkun biss accessibbli ghall-Qorti u ghall-partijiet. ("proviso" tal-artikolu 9 tal-Kap 377);

Il-bank attur in risposta ghamel diversi sottomissjonijiet fosthom :-

(1) Illi s-sigriet professjonali ma jistax jigi estiz ghall-kawza fejn il-bank ikun qed jipprocedi kontra l-klijent tieghu ghar-rifusjoni ta' flus mislufa u fejn il-klijent tal-bank ma jkunx wettaq l-obbligi tieghu.

(2) Illi mal-prezentata tac-citazzjoni u mal-prezentata ta' l-eccezzjonijiet l-informazzjoni tkun dahlet fil-kamp tad-dominju pubbliku u tali informazzjoni ghalhekk ma tibqax wahda sigrieta;
(3) L-artikolu 34(2)(b) ta' l-Att dwar il-Kummerc Bankarju jippermetti lill-ufficjali tal-Bank jizvelaw informazzjoni ghall-fini ta' qadi ta' dmirijiethom u fl-esecizzju tal-funzjonijiet taghhom;
(4) Illi l-konvenuti naqsu li jispecifikaw fejn id-deposizzjonijiet in kwestjoni jmorru oltre l-premessi tac-citazzjoni;

It-termini ta din il-kawza huma stabbiliti fl-ewwel lok mic-citazzjoni presentata mill-bank attur u fit-tieni lok mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti. Il-bank attur ippremetta fic-ctazzjoni li s-socjeta' konvenuta Joecar Limited, fiz-zmien li giet presentata l-istess citazzjoni, kienet debitrici tieghu f'somma dovuta in konnnessjoni ma' flus mislufa lilha. Il-bank attur inoltre ppremetta li l-konvenuti l-ohra kollha kkostitwew ruhhom bhala garanti solidali mal-istess socjeta konvenuta Joecar Limited ghall-hlas lura ta' dan id-debitu. Dan premess il-bank attur talab li s-socjeta' konvenuta Joecar Limited bhala debitrici principali u l-konvenuti l-ohra kollha solidalment mal-istess socjeta konvenuta jigu kundannati jhallsu somma bhala parti mill-ammonti kollha hekk dovuti. Il-konvenuti da parti taghhom eccipew li s-somma mitluba mhux korretta. Huma inoltre eccipew li l-garanti solidali ghandhom jigu mehlusa mill-obbligi taghhom stante li l-bank attur ma rrispettax il-kundizzjonijiet tal-att notarili li permezz tieghu huma ggarantew id-debitu in kwestjoni u stante li bl-agir tal-bank attur mhux possibli li ssir is-surroga favur taghhom f'kaz ta' pagament;

Jirrizulta ghalhekk li din il-kwestjoni principalment tittratta dwar relazzjoni bankarja esistenti bejn il-bank attur u s-socjeta konvenuta Joecar Limited, fejn l-istess bank attur ikkonceda facilitajiet bankarji lis-socjeta ghan-negozju taghha. Meta gew koncessi dawn il-facilitajiet gie instawrat bejn il-partijiet rapport ta' kunfidenzjalita privileggjat u ghalhekk protett mill-ligi. In vista ta' dan il-bank, funzjonarji tieghu u impjegati tieghu lkoll ghandhom id-dmir li ma jikxfux ebda informazzjoni dwar il-klijent jew il-kontijiet tieghu jekk mhux bl-awtorizzazzjoni tal-istess klijent. Din il-kunfidenzjalita' bankarja hi sancita bl-Att dwar il-Kummerc Bankarju (Kapitolu 371), b'mod partikolari bil-provedimenti tal-artikolu 34 li jipprovdu fost affarijiet ohra li ebda funzjonarju jew impjegat ta' bank ma ghandu jikxef xi informazzjoni dwar l-affarijiet ta’ klijent tal-bank, liema informazzjoni tkun giet miksuba fil-kors tal-qadi tad-dmirijiet tieghu jew fl-ezercizzju tal-funzjonijiet tieghu;

L-istess artikolu jipprovdi pero' ghal xi eccezzjonijiet fosthom meta l-istess funzjonarju jew impjegat ikun qed jaqdi d-dmirijiet tieghu jew qed jesercita l-funzjonijiet tieghu. Il-konvenuti stess jaqblu li, in effett, id-dmir tal-kunfidenzjalita' bankarja mhux wiehed assolut u li l-ligi stess tipprovdi ghal xi eccezzjonijiet. Inoltre l-konvenuti stess jammettu li l-kaz in ezami jaqa' taht wahda minn dawn l-eccezzjonijiet peress illi hawnhekk it-tikxif ta' certu informazzjoni hu mehtieg fl-interess tal-bank stess;

Ghalhekk fi proceduri bhal dawn il-bank attur ghandu kull jedd li jipproduci xhieda, inkluzi ufficjali u impjegati tieghu, in sostenn tal-pretensjonijiet tieghu. Inoltre l-istess bank jew il-funzjonarji tieghu ma jistghux jitqiesu li huma vinkolati bis-sigriet professjonali sakhemm dawn ikunu qed jixhdu bil-ghan li ssir il-prova dwar il-pretensjonijiet attrici jew dwar xi eccezzjoni kif sollevata mill-konvenuti. F'dan ir-rigward pero' hemm ukoll certi limitazzjonijiet, li, in effett, huma imposti mill-istess obbligu tas-sigriet bankarju inkombenti fuq il-bank attur. Dawn il-limitazzjonijiet jirreferu ghal meta ix-xhud prodott mill-bank attur ikun jrid imur oltre dak li hu ragionevolment necessarju sabiex tigi pruvata t-talba jew sabiex jigi pruvat xi haga dwar xi eccezzjoni;

Ghalhekk ix-xhud prodott mill-bank attur u li hu impjegat jew ufficjal tal-istess bank attur ma jistax imur, fix-xhieda tieghu, oltre dak li hu ragionevolment necessarju sabiex jigu pruvati t-talbiet attrici jew xi haga dwar xi eccezzjoni tal-konvenuti. F'kaz li jkun ser jigi zvelat aktar minn dak li hu ragionevolment necessarju, jkunu applikabbli l-provedimenti tal-artikolu 9 tal-Att dwar is-Segretezza Professjonali (Kapitolu 377). Skond dan l-artikolu jekk ser jigi svelat is-sigriet professjonali ghandu qabel ikun hemm l-awtorizzazzjoni tal-Qorti u d-deposizzjoni relattiva ghandha tinstema’ *in camera* u tkun biss accessibbli ghall-qorti u ghall-partijiet. Ghalhekk jekk ix-xhud ser jizvela aktar minn dak li hu ragionevolment necessarju hemm bzonn li l-ewwel jigi aworizzat mill-qorti u sussegwentement l-istess xhieda ghandha tinghata in camera u m'ghandiex tkun accessibbli ghal kullhadd;

Il-konvenuti qed joggezzjonaw ghax-xhieda kollha prodotti mill-bank attur. Il-qorti esaminat bir-reqqa dawn id-deposizzjoni u ma jirrizultax li dawn id-deposizzjonijiet imorru oltre dak li hu ragionevolment necessarju. F'dan ir-rigward gew esaminati l-affidavits presentati mill-bank attur ta' Marco Micallef (fol.111 sa 116) u ta' George E Pace (fol.214 sa 216). Gew ukoll esaminati d-deposizzjonijiet tax-xhieda Godfrey Galea (fol. 219 sa 220) u ta' Francis Gouder (fol.232 sa 238). Relativament ghall-imsemmi affidavit ta' Marco Micallef ghandu jinghad li uhud mid-dettalji li jinghataw f'dan l-istess affidavit jistghu ikunu necessarji in vista tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti li hi fis-sens li s-somma mitluba mhux koretta;

In vista ta' dan kollu ma kienx necessarju ghall-bank attur li jitlob awtorizzazzjoni tal-qorti sabiex jigi zvelat is-sigriet bankarju ghar-rigward tal-imsemmija affidavits u deposizzjonijiet. Konsegwentement mhux il-kaz li jigu akkolti t-talbiet tal-konvenuti kif kontenuit fir-rikors in kwestjoni cioe dak tas-7 ta' Settembru 1999;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tipprovdi dwar it-talbiet tal-konvenuti kif kontenuti fir-rikors taghhom tas-7 ta' Settembru 1999 billi tichad l-istess talbiet;

Spejjez kontra l-konvenuti.